MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 44/2009

**Concetta Schembri (508144M)**

***kontra***

**Direttur tad-Department of Citizenship and Expatriate Affairs ;**
**Central Visa Unit ;**
**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-23 ta` Lulju 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti tirrileva li fid-19 ta` Marzu 2008 hija zzewget lil Syed Ayaz Ali Shah, cittadin Pakistani (Passaport Number KAI94683) u dan fil-Comune di Piotello, Provincia di Milano. Dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta ;*

*2. Illi originarjament ir-ragel tar-rikorrenti kien wasal Malta fis-sena 2004 u kien inzamm detenut fic-centru tad-detenzjoni gewwa Hal Safi ;*

*3. Illi sussegwentement, wara li Syed Ayaz Ali Shah inghata l-liberta`, il-koppja ltaqghu u bdew ir-relazzjoni taghhom. Huwa kien mar gewwa l-Italja u r-rikorrenti kien marret hemm wara ftit zmien. Hemmhekk, il-koppja zzewget bir-rit civili ;*

*4. Illi l-koppja kienet ser tibqa` tghix l-Italja izda sussegwentement iddecidew li jirritornaw lura Malta ;*

*5. Illi l-Ambaxxata Maltija gewwa Ruma nfurmat lil Syed Ayaz Ali Shah li huwa ma kienx ser jinghata visa sabiex jidhol Malta u li kellu jmur lura gewwa pajjizu u japplika ghall-visa minn hemmhekk ;*

*6. Illi fil-fatt Syed Ayaz Ali Shah hekk ghamel u mar lura lejn il-Pakistan, filwaqt li r-rikorrenti giet lura Malta. Huwa applika sabiex jinghata visa izda l-awtoritajiet Maltin ghadhom ma hargulu l-ebda visa ;*

*7. Illi r-ragel tar-rikorrenti huwa 'exempt person' ai termini tal-Artikolu 4(1)(g) tal-Kap.218 tal-Ligijiet ta` Malta li jghid illi, 'id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV ta` dan l-Att ma japplikawx ghal kull persuna (g) li tkun il-konjugi ta` persuna msemmija f`wiehed mill-paragrafi ta` qabel*

*dan u tkun ghadha mizzewga u tghix ma` dik il-persuna' u b`hekk ghandu d-dritt, skond il-ligi, illi jithalla tidhol Malta ;*

*8. Illi r-rikorrenti qed tilmenta li l-fatt illi zewgha, mhux qieghed jinghata visa sabiex huwa jidhol regolarment hawn Malta huwa ksur tad-drittijiet fondamentali taghha.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob lil din il-Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, qeghdin jiksru l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea* ('Il-Konvenzjoni') *u cioe` d-dritt ghall-hajja familjari u dan billi mhux qeghdin ihallu rikongungiment familjari, bejn ir-rikorrenti u r-ragel taghha, isir u dan billi mhux qeghdin johorgu l-visa necessarja skond il-ligi ;*

*2. Tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju johorgu l-visa necessarja fil-konfront ta` Syed Ayaz Ali Shah u cioe` ir-ragel tar-rikorrenti ;*

*3. Taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha effettivi u opportuni fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati nkluzi tal-protest gudizzjarju.*

Rat ir-risposta tal-intimati kollha li kienet prezentata fit-12 ta` Awissu 2009 li taqra hekk –

*Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qieghda tallega illi n-nuqqas tal-hrug tal-visa lil Syed Azaz Ali Shah allegatament jivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*

*senjatament l-Artikoli 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent u jissottomettu li dawn huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti –*

*Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qieghda tabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi hija qieghda tadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellha a disposizzjoni taghha rimedji ordinarji sabiex thares id-drittijiet pretizi minnha. F`dan ir-rigward l-esponenti jirreferu ghall-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi in linea preliminari, l-improponibbilita` ta` l-azzjoni odjerna da parti tar-rikorrenti peress illi l-istess rikorrenti f`isimha proprju qed titlob illi tinhareg visa relattiva ghal terza persuna meta tali azzjoni setghet tingieb biss mill-persuna interessata li tinhargilha l-visa sabiex tidhol f`Malta fil-kaz odjern minn Syed Ayaz Ali Shah. Dan Syed Ayaz Ali Shah lanqas ma qieghed fil-kawza meta huwa hu illi jista` jkollu interess guridiku li tinhariglu visa u mhux haddiehor. Ghalhekk l-azzjoni hija wkoll karenti mill-interess guridiku personali u dirett ;*

*Illi l-agir ta` l-esponenti fil-konfront tar-rikorrent huwa wiehed ghal kollox legittimu. Id-decizjoni mehuda hija wahda fit-terminu ta` l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap.217 tal-Ligijiet ta` Malta) u dan peress illi l-Exempt Person Status tapplika biss ghall-persuna illi ai termini tal-paragrafu (g) tas-subartikolu (1) ta` l-Artikolu 4 huwa 'the spouse of any person referred to in any of the foregoing paragraphs and is still married to and living with that person'. Illi c-cirkostanzi li fih gie kkuntrattat iz-zwieg bejn ir-rikorrenti u Syed Ayaz Ali Shah kollha jimmilitaw versu*

*zwieg ta` konvenjenza bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Att dwar iz-Zwieg ;*

*Illi minn informazzjoni li ghandhom l-esponenti, Syed Ayaz Ali Shah kien dahal Malta b`mod illegali fis-6 ta` Ottubru 2004 u wara illi l-Kummissarju ghar-Rifugjati cahad it-talba maghmula minnu sabiex jinghata azil l-istess Syed Ayaz Ali Shah harab minn Malta.*

***Ebda ksur ta` l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem***

*Illi in linea preliminari in kwantu r-rikorrenti qed tilmenta fin-nuqqas li tinhareg visa lil Syed Ayaz Ali Shah hija ser issofri ksur ta` drittijiet taht l-Artikolu 8, jigi rilevat illi l-kwistjoni jekk persuna tithalliex tidhol fi Stat u l-ghoti jew it-tnehhija tal-Exempt Person Status mhuwiex dritt li johrog mill-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma jistax jigi nvokat ghal kaz odjern ;*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li l-obbligu ta` l-Istat huwa li jirrispetta d-dritt ghall-hajja familjari u mhux li jikkoncedi d-dritt lil xi persuna li tistabilixxi jew li tkompli hajja familjari f`gurisdizzjoni partikolari ;*

*Illi l-Konvenzjoni Ewropea lanqas ma tipprotegi d-dritt ta` persuna li tghix fi Stat Membru partikolari. B`hekk ir-rikorrent m`ghandha ebda raguni valida taht il-Konvenzjoni sabiex tippretendi dritt ta` 'family life' hawn Malta;*

*Illi in vista tas-suespost m`hemm ebda ksur ta` dan l-Artikolu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ix-xiehda bl-affidavit tar-rikorrenti (fol 15 sa 17) u ta` Carmel Sammut (fol 18 sa 19) li kienu prezentati fl-10 ta` Novembru 2009.

Semghet id-deposizzjoni ta` Mark Sultana (fol 24 sa 36) u ta` Joseph Mizzi (fol 37 sa 44) fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2009.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Dr. Katrine Camilleri (fol 46) li kienet prezentata fit-22 ta` Frar 2010.

Semghet id-deposizzjoni in kontroezami ta` Joseph Mizzi (fol 50 sa 61) u ta` Maria Depasquale (fol 62 sa 68) fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2010.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tar-rikorrenti (fol 70 sa 85) u ta` Carmel Sammut (fol 86 sa 92) fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2010, f`liema udjenza nghalaq il-gbir tal-provi.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tar-rikorrenti li kienet prezentata fl-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2010 (fol 95 sa 106).

Rat in-nota responsiva tal-intimati li kienet prezentata fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2011 (fol 108 sa 117).

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza tal-ahhar fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-ewwel ccezzjoni preliminari – Rimedji ordinarji</u>**

Fis-sustanza, ir-rikorrenti qeghda tghid illi mexxiet b`din il-kawza ghaliex bil-fatt li l-awtoritajiet koncernati baqghu ma tawx visa lil zewgha sabiex jidhol Malta sehh ksur tad-dritt fondamentali taghha kif tutelat bl-Art.8 tal-Konvenzjoni.

L-intimati qeghdin ighidu li r-rikorrenti ma kellhiex tipprocedi b`din il-kawza ghaliex, wara r-rifjut tal-awtoritajiet li johorgu l-visa favur zewgha, hija talbet lill-awtoritajiet sabiex jirrikonsideraw id-decizjoni, u minflok stenniethom itemmu l-investigazzjonijiet taghhom, hija qabdet u ghamlet din il-kawza. Ghalhekk qeghdin isostnu li r-rikorrenti ma kellhiex tirrikorri ghal din il-kawza qabel ir-rimedju ordinarju li kellha ghad-disposizzjoni taghha, u cioe` il-process ta` rikonsiderazzjoni jasal sat-tmiem tieghu.

**<u>L-Art.4(2) tal-Kap.319</u>** jaqra hekk –

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma` u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, u tista` taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*

*Izda l-qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan*

*is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra.*

Din il-Qorti tirrileva li l-possibilita` ta` rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ghal allegat ksur ta` jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala **<u>stat ta` fatt attwali u obbjettiv</u>**, u d-diskrezzjoni ta` l-Qorti li ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-ezistenza ta` rimedju iehor hija decizjoni fuq tali **<u>stat ta` fatt</u>.** Huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li jezisti rimedju iehor **<u>effettiv</u>** lir-rikorrent li l-Qorti tista` tiddelibera li ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment imressaq quddiemha. F`kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment. Izda anke f`kaz li jirrizulta li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma ccedix l-esercizzju tas-setgha taghha.

Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f`dan ir-rigward trid titwettaq b`mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex minn naha wahda, il-Qrati ta` indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b`kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni.

L-esistenza ta` rimedju iehor, jekk inhu l-kaz, ghandha titqies fil-kuntest tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur. Ma hemmx ghalfejn li, sabiex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista` jigi segwit b`mod prattiku, effettiv u effikaci.

Diversi kienu s-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn kien determinati l-principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji, hemm li –

(a) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.

(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza ta` natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta` illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.

(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta` din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.

(d) In-nuqqas wahdu ta` tehid ta` mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta` xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.

(e) In-nuqqas ta` tehid ta` rimedju ordinarju – ukoll jekk seta` kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta` haddiehor m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.

(f) L-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja

li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.

(g) Meta r-rimedju jaqa` fil-kompetenza ta` organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta` xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.

Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b`mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta` drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta` dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettieq ta` dawk is-setghat.

Ghall-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti ssib il-konfort ta` dawn is-sentenzi : Qorti Kostituzzjoni - 31.5.1999 –“**Zahra vs Awtorita` tal-Ippjanar”** (Kollez. Vol:LXXXIII.i.179) ; Qorti Kostituzzjonali - 27.2.2003 – “**Sammut vs Awtorita` tal-Ippjanar et” ;** Qorti Kostituzzjonali - 5.4.1991 – “**Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et”** (Kollez. Vol:LXXV.i.106) ; Qorti Kostituzzjonali - 7.3.1994 **– “Vella vs Bannister et”** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.48) ; Qorti Kostituzzjonali -12.12.2002 **– “Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et” ;** Qorti Kostituzzjonali – 14.5.2004 – “**Axiaq vs Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku”;** Qorti Kostituzzjonali – 31.10.2003 – “**Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et” ;** Qorti Kostituzzjonali – 9.10.2001 – “**McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et”** ; Qorti Kostituzzjonali – 25.6.1999 – “**Spiteri vs Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et”** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201) ; Qorti Kostituzzjonali – 7.4.2000 – “**Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et”**.; Qorti Kostituzzjonali – 31.5.2000 – “**Rapa v. Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar et**” **;** Qorti Kostituzzjonali – 16.1.2006 – “**Olena Tretyak v. Direttur**

**tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs”** ; Qorti Kostituzzjonali – 6.1.2006 – “**Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et” ;** Qorti Kostituzzjonali – 13.4.2007 – **“Green et v. Avukat Generali et” ;** Qorti Kostituzzjonali – 7.9.2007 – **“Chircop v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et” ;** Qorti Kostituzzjonali – 27.2.2009 **– “Xuereb et v. Direttur tax-Xogholijiet et”** ; Qorti Kostituzzjonali – 15.1.1991 – “**Balzan v. Prim Ministru et ;** Qorti Kostituzzjonali **–** 14.6.1995 **– “Briffa v.Kummissarju tal-Pulizija”.**

Meta tapplika l-premess ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tistax tqis il-procedura tar-rikonsiderazzjoni, kif tmexxiet fil-kaz tal-lum, wara r-rifjut li l-Ambaxxjata ta` Malta fl-Italja li tohrog visa a favur ta` Ayaz Ali Shah, bhala rimedju obbjettiv u effettiv ghall-fini tal-proviso tal-Art.4(2) tal-Kap.319.

Oggettivament il-procedura tar-rikonsiderazzjoni hadet wisq fit-tul minghajr raguni gustifikata sabiex tkun mitmuma. Is-Central Visa Unit kellha r-rapport mill-Ambaxxjata ta` Malta fl-Italja u ghamlet l-istharrig mal-awtoritajiet kompetenti Maltin. Mela ma kellhiex ghalfejn tibqa` tiddilunga : kemm kellha tghid iva jew le ghall-hrug tal-visa. Minflok ghamlet hekk, baqghet ma qalet xejn u mbaghad waqfet ghal kollox ghaliex saret din il-kawza.

Dan kollu apparti rrizulta li l-process ta` rikonsiderazzjoni mhuwiex appell quddiem bord indipendenti u maqtugh mis-Central Visa Unit izda huma ufficjali tal-istess Unit li jiddeciedu nkella le jekk hemmx lok ghal rikonsiderazzjoni. Apparti kull konsiderazzjoni ohra, il-procedura fl-assjem taghha ma tistax twassal lil din il-Qorti biex tikkwalifika r-rikonsiderazzjoni bhala rimedju daqstant effettiv li ghandu jwassalha sabiex ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment imressaq quddiemha.

Jekk ir-rikorrenti ghandhiex ragun inkella le fl-istanza taghha wiehed ghad irid jara. Izda li din il-Qorti tiddeklina milli taghrbel il-mertu ta` dik l-istanza, ghar-raguni moghtija mill-intimati, huwa argument li din il-Qorti ma tistax taccetta ghaliex jibqa` mpregudikat id-dritt ta` qorti ta` indole kostituzzjonali li tistharreg jekk meta ttiehdet id-decizjoni li tkun rifjutata l-visa kienx hemm tassew ksur inkella le tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti skond l-Art.8 tal-Konvenzjoni invokat minnha.

**Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt illi tqis li fil-kaz tal-lum ma jkunx desiderabbli li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond l-Art.4(2) tal-Kap.319, qeghda tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimati kif dedotta fil-kuntest tal-proviso tal-Art.4(2) tal-Kap.319.**

**Ikkunsidrat :**

**III. It-tieni eccezzjoni preliminari – Karenza ta` interess**

L-intimati qeghdin ighidu li r-rikorrenti m`ghandhiex l-interess guridiku, dirett u personali sabiex tipproponi din l-azzjoni ghaliex il-visa mhijiex mehtieg mir-rikorrenti, izda minn zewgha li mhux parti fil-kawza. Ghalhekk, skond l-intimati, *se mai*, kien ir-ragel (mhux mart ir-rikorrenti) li kellu l-interess iressaq din l-istanza.

Huwa principju ewlieni tad-dritt li min jipproponi kawza, irid ikollu interess - (a) **guridiku**, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu ; (b) **dirett u personali** : fis-sens li jkun dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief ghall-azzjoni popolari (li mhix il-kaz tal-lum) ; u (c) **attwali** fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti

f`kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta` dirett legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.’ (**Muscat vs Buttigieg** **-**Vol. LXXIV.II.481).

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Novembru 2003 fil-kawza **“Formosa Gauci vs Lanfranco et”** il-Qorti tal-Appell elenkat l-principji li jikkwalifikaw dan l-interess -

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali ;

(ii) l-istat attwali ta` ksur ta` jedd jikkonsisti f`kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq ;

iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta` l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha ;

iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi ;

v) l-interess guridiku jrid jibqa` jissussisti tul il-hajja kollha ta` l-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek. jinheles milli jibqa` fil-kawza ;

vi) l-interess ta` l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta` l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jrrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat ;

vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista` jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta` accertament. Madankollu, f`kaz

bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista` ssir aktar ’il quddiem ;

viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, imma jista` jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku ;

ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta` l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

Fis-sentenza **“<u>Fenech Adami vs Abela et</u>”** (6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII.II.331) il-Qorti ta` l-Appell qalet hekk –

*Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa ‘l’utilita’ finale della domanda giudiziale nel tema dell’asserita esistenza o violazione del diritto’.*

*Illi huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta` l-awtorita` gudizzjarja.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-15 ta` Lulju 1952 (Vol.36.II.493), fil-kawza fl-ismijiet **“<u>Baldacchino vs Bellizzi et</u>”** inghad li –

*min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – ‘l’azione civile non puo’ essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l’uno e l’altro di questi requisiti, l’azione e’ infondata ed inammissibile’.*

Hekk ukoll fis-sentenza **"Eminyan vs Mousu' pro et noe et"** (A.C. 28 ta` Frar 1997 - Vol. LXX1.II.429) u fis-sentenza **"Scerri et vs Farrugia et"** (P.A. – RCP - 1 ta` Ottubru 2002) kien affermat –

*li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*

Applikati dawn l-insenjamenti ghall-istanza tal-lum, din il-Qorti tghid li ghalkemm tifhem ghala l-intimati taw din l-eccezzjoni, li jista` jingabar fil-kwesit - jekk tassew Syed Ayaz Ali Shah kellu xi ghamla ta` interess fl-esitu tal-kawza ghala ma ppromwoviex l-azzjoni hu ? – fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax teskludi *a priori* li jibqa` mpregudikat – almenu *prima facie* – id-dritt tar-rikorrenti illi *de proprio* tistitwixxi din l-azzjoni.

L-allegazzjoni tar-rikorrenti hija li bil-fatt li l-intimati jew min minnhom ma hargux visa a favur tar-ragel tar-rikorrenti qieghed jigi vjolat id-dritt taghha ghall-hajja familjarji kif tutelat bl-Art.8 tal-Konvenzjoni. Skond ir-rikorrenti, qieghed jigi effettivament jigi mpedut ir-rikongungiment taghha ma` zewgha – prova li tinkombi lir-rikorrenti. L-azzjoni tal-lum, jekk tkun success, certament ghandha twassal ghal rizultat utili ghar-rikorrenti. Fi kliem il-Mortara - *l'utilita' finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto* – Vol.II Pg.588). Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kollha tal-interess li trid il-ligi jissussistu fl-istanza tar-rikorrenti.

**<u>Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni preliminari l-ohra tal-intimati dwar l-allegata karenza ta` interess tar-rikorrenti.</u>**

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Provi</u>**

**<u>Fil-qosor</u>**, il-fatti tal-kaz kif jemergu mill-provi kienu dawn –

Ir-rikorrenti ghandha 65 sena u fid-19 ta` Marzu 2008 hija zzewget lil Syed Ayaz Ali Shah (`Ali Shah`) ta` 36 sena, cittadin tal-Pakistan, originarju tal-Afganistan, bir-rit civili fil-Comune di Piotello, fil-Provincia di Milan, l-Italja.

Accertat li r-rikorrenti kienet cittadina Maltija, u verifikati d-dokumenti ufficjali, iz-zwieg kien registrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta (ara d-deposizzjoni ta` Joseph Mizzi – Direttur tac-Cittadinanza).

Fl-2004, ir-ragel tar-rikorrenti dahal Malta fl-2004. Billi rrizulta li kien immigrant irregolari, inzamm detenut fic-centru tad-detenzjoni gewwa Hal Safi. Hemm ghamel hbieb ma` Carmel Sammut, suldat tal-Forzi Armati ta` Malta li jigi mizzewweg lil oht ir-rikorrenti.

Fl-2005, kien rilaxxjat mic-centru ta`detenzjoni. Ghal xi zmien qaghad f`centru miftuh pero` hassu skomdu. Billi baqa` habib ta` Carmel Sammut, beda jaghmillu xi xoghol id-dar, sa ma Sammut jixhed li ddecieda li jzomm lil Ali Shah go daru Had-Dingli.

Intant ir-rikorrenti kienet toqghod ir-Rabat. Jidher li meta Ali Shah mar joqghod ghand Sammut, hi ghamlet hbieb mieghu u bdew jiffrekwentaw lil xulxin.

Wara tlitt xhur jafu lil xulxin, skond ir-rikorrenti, Ali Shah ried jizzewwigha. Tghid li ma rieditx tizzewweg.

Wara xi zmien, Ali Shah hareg minn Malta llegalment u mar l-Italja. L-ewwel mar Napli u mbaghad spicca fil-Comune ta` Pioltello fil-Provincia ta` Milan. Go l-Italja, ma kellu lil hadd u baqa` mhux maghruf kif ghex fl-Italja.

Ir-rikorrenti tghid li zammet kuntatt mieghu bit-telephone. F`Novembru 2007, ir-rikorrenti marret Pioltello, iltaqghet mieghu u baqghet tghix mieghu hemm. Hemm fl-Italja, ir-rikorrenti bidlet il-hsieb u accettat li tizzewweg lil Ali Shah. U hekk sar.

Xahar wara z-zwieg u cioe` f`April 2008, marru l-Ambaxxjata ta` Malta go Ruma sabiex Ali Shah japplika ghal visa biex jidhol Malta. Skond ir-rikorrenti, Maria Depasquale mill-Ambaxxjata ta` Malta qaltilhom li Ali Shah kellu jmur pajjizu u cioe` l-Pakistan u japplika ghall-visa minn hemm. Fix-xiehda taghha, Maria Depasquale tichad li hekk kien il-kaz. Tghid biss li minhabba l-fatt li waqt l-intervista li ghamlet lil Al Shah, huwa kien inkonsistenti fit-twegibiet tieghu u sahansitra tghid li ‘*gideb*` allura rrifjutat li tohrog visa. Ali Shah ma kellux *permesso di soggiorno* fl-Italja.

Ir-rikorrenti tghid li Ali Shah mar il-Pakistan. U baqa` hemm u ghadu hemm sal-lum.

Mix-xhieda li ressqu l-intimati, jirrizulta li Ali Shah ma kellu l-ebda intenzjoni imur l-Italja sakemm l-awtoritajiet

Maltin ma jaghtuhx *entry visa*. Eskluda ghal kollox illi r-rikorrenti kienet sejra tinghaqad mieghu il-Pakistan. U l-intenzjoni tieghu ma kenitx li jghix Malta ma` martu. Dan kollu minn kliem li stqarr maghhom jew ma` rapprezentanti tal-Gvern Malti bit-telefon l-istess Ali Shah.

Ir-rikorrenti giet lura Malta f`Mejju 2008 u mal-wasla taghha f`Malta ppruvat tghin lil zewgha jgib visa.

Fil-5 ta` Awissu 2008, kitbet lic-Central Visa Unit sabiex din terga` lura mid-decizjoni li tibqa` rifjutata l-visa pero` baqghet bla risposta.

Skond ir-rikorrenti, meta Ali Shah mar il-Pakistan, huwa ghamel kuntatt mal-Ambaxxjata tal-Italja go Islamabad izda ma sabx ghajnuna. Ghalhekk kompliet tinsisti hi mal-awtoritajiet Maltin. Ghall-bidu, baqghet bla twegiba sakemm Joseph Mizzi mid-Dipartiment tac-Cittadinanza baghat ghaliha biex tkellmu. Ghall-inkontru kien prezenti Mark Sultana mic-Central Visa Unit. Hija accettat il-kondizzjonijiet kollha li semmewlha dawk l-ufficjali pero` l-visa baqghet ma hargitx.

Billi wara z-zwieg tieghu mar-rikorrenti, Ali Shah ghax mhux cittadin tal-Unjoni Ewropeja ma kienx ghad kellu *freedom of movement* u allura ma kienx ghadu dikjarat bhala *exempt person*, huwa kellu japplika ghall-visa fl-Ambaxxjata Maltija ta` Ruma.

**Kemm Mark Caruana, kif ukoll Joseph Mizzi, fix-xiehda taghhom, isostnu li sabiex Ali Shah seta` jidhol Malta pero` kellu bzonn tal-visa. Bil-visa fil-pussess tieghu, seta` mbaghad japplika ghal *residence permit*. U b`residence permit fil-pussess tieghu rilaxxjat minn wiehed mill-pajjizi taz-Zona ta` Schengen, seta` jmur f`pajjizi ohra taz-Zona ta` Schengen bla xkiel ta` xejn.**

Irrizulta wkoll li l-istess Ali Shah ressaq appell fl-applikazzjoni tieghu sabiex jinghata status ta` refugjat pero` dan baqa` l-appell baqa` pendenti ghaliex Ali Shah ma setax jigi rintraccjat.

**Din il-Qorti tosserva li hija baqghet sprovvista mill-verzjoni tal-fatti min-naha ta` Ali Shah ghaliex ir-rikorrenti baqghet ma ressqitx lil zewgha bhala xhud.**

**Ikkunsidrat :**

**VI. Dritt, gurisprudenza u risultanzi**

**L-Art. 8** tal-Konvenzjoni jaqra hekk **–**

*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta` daru u tal-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta` dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f`socjeta` demokratika fl-interess tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta` delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta` haddiehor.*

Bhala punt ta` principju, din il-Qorti trid tghid li d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u familjari tal-individwu huwa sagrosant u m`ghandux ikun soggett ghal indhil mill-awtorita` pubblika hlief fil-kazi kontemplati bl-Art.8.

Fil-kaz tal-lum, kien accertat li r-rikorrenti (cittadina ta` Malta) u r-ragel taghha (cittadin tal-Pakistan) zzewgu l-

Italja bir-rit civili. Iz-zwieg taghhom kien imbaghad registrat fir-Registru taz-Zwigijiet ta` Malta. Huwa eskluz li r-rikorrenti u zewgha kkoabitaw f`Malta qabel izzewgu fl-Italja. Daqstant iehor huwa eskluz li qatt kien hemm xi hsieb almenu min-naha tar-rikorrenti li tizzewweg lil Ali Shah gewwa Malta. Anzi r-rikorrenti kienet kategorika meta xehdet illi meta Ali Shah kien ghadu Malta hi ma rieditx tizzewgu ghalkemm huwa ried jizzewwigha ghad illi kien ilu jafha biss ghal tliet xhur.

Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Dicembru 2007 fil-kawza "**Dickson vs** **UK** il-Qorti Ewropeja qalet hekk –

*The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities.*

Il-kelma *arbitrary* hija kelma iebsa. Timplika abbuz jew arbitriju. Timplika wkoll l-irragonevolezza. Ghalhekk l-indhil mill-awtorita` pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art.8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawza "**Tysiac vs Poland**").

L-awtorita` pubblika ghandha tabilhaqq tirrispetta b`mod reali u effettiv il-hajja privata u familjari. Fl-istess waqt kull Stat ghandu dritt jikkontrolla fit-territorju tieghu d-dhul, ir-residenza u t-tkeccija ta` persuni li mhumiex cittadini ta` dak l-Istat (ara s-sentenza "**Moustaquim vs Belgium"** tal-1991).

Il-kontroll ma jsirx sabiex persuna tigi diskriminata minn ohra. Isir ukoll sabiex ikun hemm prevenzjoni effettiva tal-abbuz. Il-kontroll mill-Istat isir ukoll minhabba l-obbligi multilaterali u internazzjonali li dak l-Istat ikollu. Senjatament fil-fattispeci tal-kaz tal-lum, bl-operat tat-Trattat tal-UE ta` Schengen.

Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk tkunx tezisti hajja familjari li haqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata (ara "**Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" -** PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).

L-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick** fil-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights,* pagna 313 ighidu illi –

*It should be noticed at the outset that the obligation on the State is to respect family life : it does not allow persons to claim a right to establish family life, eg by marrying or having the opportunity to have children, nor a general right to establish family life in a particular jurisdiction*.

Fil-kawza "**Abdulaziz, Cabalas and Balkandali vs UK**" tat-28 ta` Mejju 1985, il-Qorti ta` Strasbourg irriteniet illi l-Art.8 ma jipprotegix id-dritt ta` individwu li joqghod fi Stat partikolari u kompliet –

*The duty imposed by Article 8 cannot be considered as extending a general obligation on the part of a contracting state to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country.*

Fi kliem **Karen Reid** fil-ktieb *A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights* 2004, Sweet & Maxwell, London) b`riferenza ghas-sentenza "**Abdulaziz et vs UK"** tghid hekk –

*There is no general obligation on a Contracting State to respect the choice of married couples as to the country of matrimonial residence ;*

*States enjoy a wide margin of appreciation ;*

*Since in Abdulaziz there were no obstacles or special reasons and the couples were aware of their problematic immigration status at the time of the marriage, no violation of Art. 8 was found. It remains to be seen what relevance would or should be given to a situation where an applicant married in circumstances where neither spouse knew the problems of immigration status. Arguably, they would have to give a convincing explanation for ignorance of a potential problem. It is not obvious however that expectations at the time of marriage could ever play a significant role in finding a violation.*

L-Art.8 ma jistax jigi interpretat b`mod li jaghti lil koppji mizzewga d-dritt fuq xi Stat fejn jista` jkun hemm residenza matrimonjali b`mod li jkun hemm id-dritt tal-unjoni tal-familja fit-territorju ta` dak l-Stat [**Gul vs Switzerland 19 ta` Frar 1996**].

Ghax huwa dritt ta` l-Istat li jikkontrolla l-immigrazzjoni ta` nies li mhumiex cittadini tieghu meta dawn ikunu jew ser jidhlu jew jinsabu ga` fit-territorju tieghu, mhux kull interferenza tal-*family life* da parti ta` l-Istat hija vjetata ghaliex jista` jissussistu cirkostanzi fejn tali interferenza tkun permissibbli.

L-awturi **Janis, Kay & Bradley** fil-ktieb *European Human Rights Law – Text and Materials* (Third Edition – 2008 – Oxford University Press) pag. 407-408 ighidu hekk –

*Infringements of art 8 rights are permitted when necessarey to protect important state interests. In such cases therefore a state may rely on a sufficient threat to the safety and economic welfare of its citizens.* ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali vs United Kingdom*** *28.5.1985 EHRR 471 confirmed principle that it is well established international law that a state has the right to control the entry of non-nationals into its territory. The*

*resulting question is whether in the factual circumstances of each case the state had struck a fair balance between the relevant interests. In that case the court held that the refusal of the UK to allow the husbands of legally settled women to join them did not itself violate art 8.*

Fil-kuntest tal-premess, din il-Qorti tirriafferma l-principju li kull kaz jew sitwazzjoni ghandha l-istorja taghha. In sintesi l-principji applikati fil-gurisprudenza taghna u tal-Qorti Ewropeja huwa mahsuba sabiex jistabilixxu bilanc bejn id-drittijiet tal-Istat u dawk tal-individwu.

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid li ghalkemm mhux kontestat li r-rikorrenti u Ali Shah izzewgu fl-Italja, huma qatt ma rawmu bejniethom mqar il-hsieb ta` hajja familjari.

Irrizulta li qabel Ali Shah hareg minn Malta <u>llegalment</u> (ir-rikorrenti ma tghidx kenitx taf jew le li kien sejjer jaghmel hekk) ma kellhiex il-hsieb li tizzewgu. Fi zmien tant qasir ta` ftit xhur, kien difficli ferm ghal Ali Shah u wisq anqas ghar-rikorrent li tippjanta l-idea ta` hajja familjari. Kien biss meta Ali Shah kien l-Italja u r-rikorrenti marret tiltaqa` mieghu li bil-maqlub ta` li gara f`Malta r-rikorrenti dawret il-hsieb li ddecidiet li tizzewweg lil Ali Shah. Ghala din il-bidla fil-hsieb jibqa` fatt mistur !

Bhall-intimati, din il-Qorti mhijiex konvinta mill-genwinita` tad-decizjoni tar-rikorrenti li <u>tizzewweg</u> lil Ali Shah.

Mank darba fid-deposizzjoni taghha, ir-rikorrenti ma tistqarr li kienet thobb lil Ali Shah.

Mank tfisser minimament l-intimita` tar-relazzjoni taghha mieghu ghalkemm kienet ixjeh minnu bi tletin (30) sena.

Mank tispjega ghala dawret il-hsieb.

Mank tipprova tfiehem lil din il-Qorti ghala ma segwietx lil zewgha fil-Pakistan.

Issostni li ma kenitx qeghda tghix ma` zewgha ghaliex baqa` l-Pakistan. Mela ex admissis ghandha kaz ta` separazzjoni *de facto.*

Mela tistaqsi din il-Qorti xi kwalita` ta` *family life* kienet din tar-rikorrenti fil-kuntest tal-Art.8 ?

X`*exempt status* jista` Ali Shah jippretendi li jottjeni jekk ma jghix ma` martu – fejn huwa mmaterjali ?

Kienet ta` min kienet l-ghazla, jekk inhu l-kaz, certament pero` ma kenitx tal-awtoritajiet Maltin li bhala fatt applikaw il-ligi aktar milli ndahlu fid-drittijiet ta` haddiehor.

Fir-relazzjoni tar-rikorrenti ma` Ali Shah, ma tirrizultax il-prova sodisfacjenti u reali mqar fuq bilanc ta` probabilitajiet ta` *family life*.

**Fi kwalunkwe kaz tibqa` sorpriza ghal din il-Qorti l-assenza totali ta` impenn tal-istess Ali Shah fl-*iter* ta` din il-kawza. Mank farka stqarrija da parti tieghu biex isostni dak li kienet qeghda tghid ir-rikorrenti jew sabiex jikkontradici dak li kien qed jinghad mill-**

**intimati. Fil-kaz ta` Ali Shah, assenza totali ta` kwalsiasi interess jew impenn f`din il-kawza !**

**Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tghid jekk dak ta` bejn ir-rikorrenti u Ali Shah kienx zwieg ta` konvenjenza. Li certament u minghajr esitazzjoni ta` xejn kien stabbilit minn din il-Qorti huwa li bid-decizjoni tal-intimati jew min minnhom li ma tohrogx visa a favur ta` Ali Shah ma sar l-ebda ksur tal-Art.8 tal-Konvenzjoni.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati, fl-istess waqt tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimati fil-mertu, u ghalhekk tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------